MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

Il-Ħamis, 24 ta' Ġunju, 2021

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fid-09:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 25.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

25.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

25.1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 25.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

25.2.1 Is-Sindku qal li hu flimkien mas-SE kellhom laqgħa mal-*Gozo Assosciation for the Deaf*. Bħala assoċjazzjoni talbu sabiex dawk ir-residenti li jagħmlu użu mis-servizzi tagħhom bħal ma hu apparat ikun jista jitwassal lilhom fl-uffiċini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

25.2.2 Is-Sindku qal li l-aġenzija, Malta Intelligent Energy Management Agency (MIEMA), offrew sabiex lil-Kunsill sabiex ikun parti min proġett biex isir studju fuq iċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid. Dan ser isir f'forma ta' rapport fejn juri l-effiċenzja tal-elettriku u jekk bħala Kunsill jaqbel, jibda l-proċess tal-applikazjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

25.2.3 Is-Sindku qal li l-ERA talbu lill-Kunsill sabiex ifittex kwotazzjonijiet rigward sistema photovoltaic, 'face in the hole' interactive board u sistema Virtual Reality. Is-Sindku informa li dawn inġabru u ntbgħatu lill-ERA sabiex ikompli x-xogħol relatat mal-kuntratt il-ġdid taċ-Ċentru tad-Dwejra. Il-Kunsill qabel unanimament.

25.2.4 Is-Sindku qal li kellu talba sabiex isir taraġ id-Dwejra ħdejn l-islipway faċċata tal-Għar. Hu qal li bħalissa diġa hemm wieħed tal-ġebel pero jekk isir tal-ħadid ikun iktar komdu. Il-Kunsill qabel unanimament.

25.2.5 Is-SE qalet li l-Gozo Action Group Foundation (GAGF) qed jitolbu l-ħlas ta 2020 ukoll sabiex jinħafru l-pagamenti arretrati tas-snin ta' qabel. Il-Kunsill qabel li jitħallsu unanimament.

25.2.6 Is-SE qalet li l-impjegata Sharon Mizzi, talbet sabiex il-Kunsill iġib għajnuna ta' cleaner ieħor għaliex ix-xogħol tal-amministrazzjoni dejjem jiżdied u hi ssib ruħha ma tistax tlaħħaq ma' kollox. Is-SE qalet li hi taqbel ma dan is-suġġeriment għaliex hu veru li ix-xogħol tal-amministrazzjoni tal-Kunsill dejjem jirrekjedi iktar dedikazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

25.2.7 Is-SE qalet li t-TV taċ-Ċentru tad-Dwejra għamel xi żmien ma ħadimx. L-opinjoni tat-technician kienet li dan ġralu hekk peress l-umdita' li hemm u issuġerixxa li t-TV jitpoġġa ħdejn dehumidifiier u fan. Is-SE qalet li ġabet kwotazzjonijiet u l-irħas kienu €150.00 u €50.00 rispettivament. Il-Kunsill qabel unanimament.

25.2.8 Is-SE qalet li Libraraties Malta infurmaw li huma se jħallsu l-minimu ta 4 siegħat lejn l-immaniġjar tal-librerija. Is-SE kompliet tgħid li s-siegħa l-oħra li obbligat jiftaħ il-Kunsill trid titħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

25.2.9 Is-SE qalet li ħarġet applikazzjoni mid-DLG; Ingaġġ ta' 'Community Steward' għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw.

25.2.10 Is-SE qalet li ħarġet l-applikazzjoni għall-European Mobility Week 2021 kif ukoll l-applikazzjoni għall-Permanent Measures 2021. Il-Kunsill qabel li napplikaw unanimament.

25.2.11 Is-SE qalet li ħarġet l-applikazzjoni mir-Reġjun t'Għawdex rigward fondi lejn l-libreriji. Il-Kunsill qabel li napplikaw unanimament.

25.2.12 Is-SE qalet li ħarġet l-applikazzjoni mill-AKL rigward Community Gardening. Il-Kunsill qabel li napplikaw unanimament.

25.2.13 Is-SE qalet li ħarġet l-applikazzjoni għall-Network of Towns u qed jissuġerrixu laqgħa. Il-Kunsill qabel li unanimament.

25.2.14 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza minn TAPP Malta sabiex jitlob l-kooperazzjoni tal-Kunsill sabiex ikun jista jitlob li jinbiegħu reverse osmosis żgħar lir-residenti. Il-Kunsill qabel li unanimament li legalment kull ma jista jsir hu li jinħareġ permess temporanju sabiex jokkupa post fil-pjazza sabiex jagħti s-servizz.

25.2.15 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mingħand Jack Galea fejn qed joffri li jbiegħ art fil-limiti tad-Dwejra lill-Kunsill ta' San Lawrenz. Fil-korrispondenza hu qal li peress li fuq l-art jeżiżtu permessi għall-bini, jixtieq joffri l-art lill-entita pubblika u mhux lill-privat sabiex il-Kunsill ikun jista joħloq xi spazju reakreattiv u mhux żvilupp għall-profitt. Il-Kunsill qabel li filwaqt li din tista tkun proposta tajba xorta mhux f'pożizzjoni li jixtri art simili, għalhekk għandna nitolbu direzzjoni mid-DLG.

## 25.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

25.3.1 Il-Kunsillier George Camilleri saqsa meta ser jibda l-community police fil-lokalita' ta' San Lawrenz. Is-Sindku qal li s-Supretendent kien infurmaħ li għal Diċembru ta' din is-sena.

25.3.2 Il-Kunsillier Anthony Formosa qal li jixtieq jirraporta l-ħofor ta' Triq il-Ġebla tal-Ġeneral għax dejjem jiżdiedu.

25.3.3 Il-Kunsillier Anthony Formosa saqsa li hemm bżonn li ninfuramaw lill-awtoritatjiet l-ħtieġa kbira li nżommu liż-żgħażagħ fir-raħal billi noffrulhom djar fir-raħal. Is-Sindku fakkar fit-talbiet li saru matul is-snin kollha u fir-risposta li dejjem ħadna li meta nitolbu għal social housing bħal dawk ta' Bieb il-Għar u Triq il-Ġebla tal-Ġeneral, il-Gvern ma għadux jagħti propjeta biex tinbena u qed joffri housing l-ewwel għall-każijiet l-iktar serji kemm f'Malta u Għawdex. Is-Sindku ppropona pero li bħala Kunsill għandna nerġgħu nibgħatu r-rapport li kien sar xi sena ilu fuq din is-sitwazzjoni lill-Awtoritajiet konċernati.

25.3.4 Il-Kunsillier Carmela Grima saqsiet fl-liema stadju wasal il-kuntratt tad-Dwejra. Is-Sindku qal li għadu fil-proċess u sostna li dan il-kuntratt huwa importanti għax b'hekk inkunu qed inkomplu nsaħħu l-pożizzjoni tagħna fl-aministrazzjoni tad-Dwejra.

## 25.4 Il-Festa 2021;

25.4.1 Is-Sindku qal li peress is-sitwazzjoni tal-pandemija ma hemmx pjanijiet li jsiru l-festi ta' barra, għalhekk dejjem għandna nimxu mad-direzzjoni tal-Awtoritajiet tas-Saħħa u naraw x'direzzjoni jagħtu iktar l-quddiem. Il-Kunsill qabel li unanimament.

## 25.5 Mozzjoni 2/8 – Għar fi Triq it-Tieqa tad-Dwejra;

25.5.1 Is-SE qrat il-mozzjoni numru 2/8 u t-test ta' din il-mozzjoni proponuta mis-Sindku jaqra hekk:

Fid-dawl tal-iskoperta importanti ta' dan l-aħħar fejn ġie kkonfermat li l-Għar li instab fi Triq it-Tieqa tad-Dwejra, eżattment fid-"Dar ta' Antida" (li minn informazzjoni miġbura jidher li din il-propjeta hija f'idejn il-*joint office)* għandu importanza kbira għall-istorja ta' raħalna u ta' gżiritna, qed nipproponi li l-Kunsill Lokali jibda l-proċess sabiex din il-propjetà tgħaddi f'idejn il-Kunsill. Dan sabiex,

1. Nissalvagradwaw li din il-propjetà tibqa' dejjem tal-poplu .
2. Biex dan il-post jibda jservi ta' Ċentru ta' Interpretazzjoni għall-*heritage trail* li għandu jaħdem fuqha l-Kunsill.
3. Minħabba l-kobor tiegħu dan il-post jista' jkollu l-potenzjal ukoll li jservi lill-għadiet tar-raħal.

Fl-istess ħin il-Kunsill għandu jsaħħaħ id-diskussjonijiet ta' awtortitajiet kompetenti sabiex jingħata l-aħjar parir kif jitħares il-post u wkoll biex ikun jista' jidħol fi sħab ma entitajiet oħrajn sabiex jakkwista fondi li permezz tagħhom ikun jista' jsir ix-xogħol li għandu bżonn dan is-sit.

25.5.2 Din il-mozzjoni kienet sekondata mill-Kunsillier Joseph Cauchi. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

## 25.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

25.6.1 Ġew approvati unanimament l-pagamenti li kien hemm pendent u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 25.7.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

25.7.1 Il-laqgħa intemmet fl-10:30 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju 2021 fid-09:00.

IFFIRMATA
Noel Formosa
Sindku

IFFIRMATA
Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv